# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 14 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 21.**

**Citazz. Nru. 1726/00 JRM.**

**Lada Motors Limited.**

**vs**

**Louis Zammit u Doris Zammit in solidum.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elf, tlett mija erbgha u sebghin Liri Maltin u ghoxrin

centezmu (LM1374.20), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi markati Dokumenti "1" sa "27";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija erbgha u sebghin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1374.20), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali u tal-mandati kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammisjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija erbgha u sebghin Liri Maltin u ghoxrin centezmu

(Lm1374.20), import ta’ kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux u bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali u tal-mandati kawtelatorji kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**14, ta' Novembru, 2000.**